2024/491

13.2.2024

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/491

tat-30 ta' Novembru 2023

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tiġdid tal-miżuri tekniċi speċifiċi għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżoni 6 sa 8 tal-ICES

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 15(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 jistabbilixxi miżuri tekniċi reġjonali speċifiċi għall-ilmijiet tal-Unjoni fl-Ilmijiet tal-Majjistral u fl-Ilmijiet tal-Lbiċ.

(2) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 ġie emendat l-aħħar bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/56 ([2]) fir-rigward ta' miżuri tekniċi speċifiċi għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżoni 6 sa 8 tal-ICES.

(3) L-Istati Membri qablu li jirrieżaminaw dawn il-miżuri sal-31 ta' Diċembru 2023, fid-dawl tal-istudji xjentifiċi li għaddejjin imwettqa mill-Istati Membri u tal-parir pendenti dwar l-opportunitajiet tas-sajd mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) għall-perjodu 2023–2024. Fl-10 ta' Ġunju 2022, l-ICES ta parir li meta jiġi applikat l-approċċ prekawzjonarju, jenħtieġ li ma jkun hemm l-ebda qbid tal-paġella ħamra fis-subżoni 6 sa 8 tal-ICES għall-2023–2024 ([3]). L-istudji xjentifiċi mwettqa mill-Istati Membri għad iridu jiġu ffinalizzati, u għaldaqstant, il-miżuri attwalment fis-seħħ permezz tar-Regolament Delegat (UE) 2023/56 jenħtieġ li jiġu estiżi b'sena biex ikomplu jappoġġaw l-irkupru tal-istokk tal-paġella ħamra.

(4) Ir-Regolament Delegat (UE) 2023/56 jiskadi fi tmiem l-2023. B'segwitu għat-talbiet ippreżentati permezz ta' ittri uffiċjali fit-13 ta' Settembru 2023 u fil-15 ta' Settembru 2023 mill-Grupp Reġjonali tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral, u mill-Grupp Reġjonali tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Lbiċ, rispettivament, jenħtieġ li l-miżuri tekniċi attwalment fis-seħħ fl-Annessi VI u VII tar-Regolament (UE) 2019/1241 għall-paġella ħamra fis-subżoni 6 sa 8 tal-ICES, jiġu estiżi sa tmiem l-2024.

(5) Peress li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu. Peress li l-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri introdotti mir-Regolament Delegat (UE) 2023/56 jiskadi fl-31 ta' Diċembru 2023, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika b'effett mill-1 ta' Jannar 2024 sabiex tiġi żgurata l-kontinwità legali.

([1]) ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/56 tad-19 ta' Lulju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' miżuri tekniċi speċifiċi għall-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżoni 6 sa 8 tal-ICES (ĠU L 5, 6.1.2023, p. 1).

([3]) ICES. 2022. Paġella tal-garġi (*Pagellus bogaraveo*) fis-subżoni 6–8 (Ibħra Ċeltiċi, il-Kanal Ingliż, u l-Golf tal-Biskalja). Fir-Rapport tal-Kumitat Konsultattiv tal-ICES, 2022. Avviż tal-ICES 2022 sbr.27.6-8, https://doi.org/10.17895/ices.advice.19453802.

(6) Il-miżuri introdotti f'dan ir-Regolament applikabbli għall-ilmijiet tal-Unjoni għandhom l-għan li jilħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 494(1) u (2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjonibejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ([4]) u jikkunsidraw il-prinċipji msemmija fl-Artikolu 494(3) ta' dak il-ftehim. Dawn huma mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura applikabbli fl-ilmijiet tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq.

(7) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1241 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi VI u VII tar-Regolament (UE) 2019/1241 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([4]) ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

ANNESS

L-Annessi VI u VII mar-Regolament (UE) 2019/1241 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness VI huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Parti A hija emendata kif ġej:

(i) id-dsatax-il entrata tat-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

"Paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*)	36 cm (*) (**) (***)

(*) Dan id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2024.
(**) Fis-subżoni 6 u 7 tal-ICES għandu japplika d-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 40 cm għall-qabdiet tal-paġella ħamra fis-sajd rikreattiv.
(***) F'każ li ma jiġux adottati regoli ġodda qabel il-31 ta' Diċembru 2024, mill-1 ta' Jannar 2025, l-MCRS applikabbli għandu jkun ta' 33 cm.";

(ii) il-punt 1 taħt it-tabella huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni speċifikati f'din il-Parti għall-bakkaljaw(*Gadus morhua*), għall-merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), għall-pollakkju iswed (*Pollachius virens*), għall-pollakkju (*Pollachius pollachius*), għall-merluzz (*Merluccius merluccius*), għall-megrim (*Lepidorhombus spp.*), għall-lingwata (Solea spp.), għall-barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*), għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), għal-lipp (*Molva molva*), għal-linarda (*Molva dipterygia*), għall-kavall (*Scomber* spp.), għall-aringa (*Clupea harengus*), għas-sawrell (*Trachurus* spp.), għall-inċova (*Engraulis encrasicolus*) għall-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*), u għas-sardina (*Sardina pilchardus*) għandhom japplikaw għas-sajd rikreattiv fl-Ilmijiet tal-Majjistral. Madankollu, għas-sajd rikreattiv tal-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) għandu japplika d-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni (MCRS) ta' 40 cm fis-subżoni 6 u 7 tal-ICES sal-31 ta' Diċembru 2024 (*).

(*) F'każ li ma jiġux adottati regoli ġodda qabel il-31 ta' Diċembru 2024, mill-1 ta' Jannar 2025, id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni applikabbli għall-paġella ħamra għandu jkun ta' 33 cm.";

(b) fil-parti C, il-punt 11.1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"11.1. Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2024, is-sajd kollu għall-paġella ħamra fis-subżoni 6 u 7 tal-ICES għandu jkun ipprojbit għall-bastimenti li jtajru l-bandiera Franċiża.";

(2) L-Anness VII huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti A, l-għoxrin entrata tat-tabella hija sostitwita b'dan li ġej:

"Paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*)	36 cm (*) (**)

(*) Dan id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2024.
(**) F'każ li ma jiġux adottati regoli ġodda qabel il-31 ta' Diċembru 2024, mill-1 ta' Jannar 2025, id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni applikabbli għall-paġella ħamra għandu jkun ta' 33 cm.";

(b) fil-parti C, il-punt 5.4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5.4. Il-miżuri elenkati fil-punti 5.1 sa 5.3 għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2024.".